

32001R1120

L 153/10

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

8.6.2001

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1120/2001**tas-7 ta' Ġunju 2001****li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 609/2001 dwar l-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet għall-2001 u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 412/97**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 tat-28 ta' Ottubru 2001 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott u ħxejjex ⁽¹⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 911/2001 ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 48 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 609/2000 ⁽³⁾ jistabilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 dwar programmi operazzjonali, fondi operazzjonali u assistenza finanzjarja tal-Komunità u jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 411/97 ⁽⁴⁾.
- (2) L-Artikolu 11(4) tar-Regolament (KE) Nru 609/2001 jistabilixxi data sa mhux aktar tard mill-31 ta' Awissu għall-ħlas ta' l-ghajjnuna finanzjarja dovuta lill-organizzazzjonijiet ta' produttori. L-Anness II jistabilixxi d-dati biex l-informazzjoni tintbgħat mill-Istati Membri lill-Kummissjoni kull sena fl-1 ta' Ġunju u l-1 ta' Ottubru.
- (3) L-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 609/2001 jistabilixxi l-kampjun minimu ta' verifiki li għandhom jitwettqu kull sena fuq organizzazzjonijiet ta' produttori bħala 20 %.
- (4) Dawn id-dispożizzjonijiet jirrapreżentaw limitazzjonijiet amministrattivi addizzjonali għall-Istati Membri meta mqabbla mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 411/97: għas sena 2001, iż-żmien disponibbli bejn id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 609/2001 tat-2 ta' April 2001, u t-termini ta' żmien għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 11(4), 14(2) u l-Anness II huwa inqas milli jkun il-każ f'sena normali tat-tħaddim.
- (5) Sabiex ikun possibbli li l-Istati Membri jipproċessaw l-applikazzjonijiet għal ghajjnuna finanzjarja ta' l-organizzazzjonijiet ta' produttori, fejn dan ikun diffiċli minħabba l-limitazzjonijiet amministrattivi ġodda fuq imsemmija, huwa xieraq li jiġi stabbilit terminu ta' żmien ġdid bħala l-15 ta' Ottubru 2001 għall-ħlas ta' l-ghajjnuna finanzjarja fit-tħaddim ta' l-Artikolu 11(4) tar-Regolament (KE) Nru 609/2001 għar-rigward ta' fondi operazzjonali għas-sena 2000.

- (6) Huwa xieraq li jiġi stabbilit terminu ta' żmien ġdid bħala l-31 ta' Ottubru 2001 sabiex l-informazzjoni tintbgħat mill-Istati Membri lill-Kummissjoni fit-tħaddim ta' l-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 609/2001 fir-rigward ta' l-informazzjoni li għandha x'taqsam mas-sena 2000.
- (7) Huwa xieraq li jiġi stabbilit livell ta' 10 % għall-kampjun minimu ta' verifiki fuq l-organizzazzjonijiet ta' produttori li għandhom jitwettqu mill-Istati Membri fit-tħaddim ta' l-Artikolu 14(2) matul is-sena 2001 fil-każ li, għal raġunijiet amministrattivi, l-Istati Membri ma jkunux jistgħu jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa u korretta ta' din id-dispożizzjoni.
- (8) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 412/97 tat-3 ta' Marzu 1997, li jistabilixxi r-regoli dettaljati għat-tħaddim tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96 dwar l-għarfien ta' l-organizzazzjonijiet ta' produttori ⁽⁵⁾, kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 1493/97 ⁽⁶⁾, jipprovdni fl-Artikolu 9 li l-Istati Membri għandhom jippreżentaw rapport annwali dwar l-organizzazzjonijiet ta' produttori. Il-post ta' dan ir-rapport ittieħed mill-ħtiġijiet ta' rapportar tar-Regolament (KE) Nru 609/2001 u m'għadux aktar meħtieġ mis-servizzi tal-Kummissjoni għall-ħtiġijiet ta' rapportar li għandhom x'jaqsmu mas-sena 2000 'il quddiem.
- (9) Il-miżuri li hemm provdut għalihom f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

L-Istati Membri jistgħu jipposponu l-ħlasijiet ta' l-ghajjnuna finanzjarja lill-organizzazzjonijiet ta' produttori fit-tħaddim ta' l-Artikolu 11(4) tar-Regolament (KE) Nru 609/2001 dwar fondi operazzjonali għas-sena 2000 sa mhux aktar tard mill-15 ta' Ottubru 2001.

L-Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jibgħatu lill-Kummissjoni l-informazzjoni msemmija fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 609/2001 dwar is-sena 2000 sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 2001.

⁽¹⁾ ĠU L 297, tal-21.11.1996, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 129, tal-11.5.2001, p. 3.⁽³⁾ ĠU L 90, tat-30.3.2001, p. 4.⁽⁴⁾ ĠU L 62, ta' l-4.3.1997, p. 9.⁽⁵⁾ ĠU L 62, ta' l-4.3.1997, p. 16.⁽⁶⁾ ĠU L 202, tat-30.7.1997, p. 32.

L-Artikolu 3

L-Istati Membri għandhom iwettqu verifiki fuq l-organizzazzjonijiet ta' produtturi fit-tħaddim ta' l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (KE) Nru 609/2001 fis-sena 2001 fuq mill-inqas 10 % ta' l-organizzazzjonijiet ta' produtturi u 30 % ta' l-għajnuna tal-Komunità.

L-Artikolu 4

L-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 412/97 qiegħed jiġi mħassar.

L-Artikolu 5

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' Ġunju 2001.

Għall-Kummissjoni
Franz FISCHLER
Membru tal-Kummissjoni
